Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa b' Urġenza Reġjun Port - Nu 49/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2025

Ħin: 16:45

Bdiet: 17:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Preżenti |
| Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Nigel Holland | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Skużat |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Jason Silvio | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Olaf McKay | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Skużat |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**49. 1 Ittri ta' Apoloġija**

49.1.1 Il-President semma li s-Sur Jorge Grech talab li jkun skużat peress li kellu laqgħa oħra skedata minn qabel ġiet skedata dik tar-Reġjun, is-Sur Clive Pulis kien jinstab imsiefer u s-Sur Jason Silvio talab li jkun skużat minħabba kunflitt ta' interess fil-proċess tal-Għażla għall-Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port.

49.1.2 Fuq Proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, kien hemm qbil li dawn jitniżlu bħala skużati.

**49.2 Intervisti għall-Post Vakant ta' Segretarju Eżekuttiv Reġjun Port – Approvazzjoni tar-Rapport tal-Board tal-Għażla**

49.2.1 Il-President spejga għall-benefiċċju ta' dawk li ma kienux preżenti li din il-laqgħa sseħjet b' mod urġenti sabiex tkompli d-diskussjoni tal-laqgħa preċedenti li saret it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025 rigward il-kompożizzjoni tal-Board tal-Għażla u l-approvazzjoni tar-rapport li huma għamlu wara l-intervisti għall-post vacant ta' Segretarju Eżekuttiv li kienu skedati nhar il-Ġimgħa 13, ta' Ġunju 2025.

49.2.2 Is-Sur Neil Attard talab li jkun skużat peress li kellu accident żgħir u intalab li jmur fuq il-post.

49.2.3 il-President semma li sabiex jirrikapitula, id-Diviżjoni kienet bgħatet sett ta' linji gwida flimkien ma' CVs tal-applikanti lir-Reġjun. Semma wkoll li dawn il-linji gwida jidher li kienu emendati f' Mejju 2025 u li kienu għadhom mhux iċċirkulati mal-Kunsilli Lokali kollha imma biss ma' dawk li kellhom post vakant. Semma kif fil-linji gwida ddaħlet klawżola 3.2 fejn din tgħid li peress li l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv li skond l-istess linji gwida qed tkun meqjusa bħala position of trust, din il-ħatra tikkonsitwixi "objective reason" u għaldaqstant il-Board tal-Għażla għandu jew kellu jkun kollu maħtur minn Membri tal-istess Kunsill Lokali.

49.2.4 Il-President semma li l-unika liġi imsemmija rigward il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv huwa Artikolu 49 sub-artiklu 3 ta' Kapitlu 363 tal-liġijiet ta' Malta. Liema artiklu inqara u anki intbgħat lis-Sindki tar-Reġjun. Dan l-artiklu jindika li l-proċess tal-Għażla għandu jkun stabbilit mid-Direttur bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Għaldaqstant, il-President semma li klawżola 3.2 ta' dawn il-linji mhiex parti mil-liġi kif qed jikteb id-Direttur Ġenerali imma hija klawżola li ddaħlet mid-Diviżjoni stess mingħajr ebda konsultazzjoni u milli jidher mingħajr approvazzjoni ta' diversi Sindki u Presidenti Reġjonali.

49.2.5 Is-Sur Clayton Portelli Cascun irrimarka li l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija waħda delikata u bir-rispett kollu lejn is-Sindki u l-Kunsilliera dawn weħidhom mhux ser ikunu f' pożizzjoni fejn b' mod professjonali jintgħażel xi ħadd għal din il-kariga maniġerjali.

49.2.6 Is-Sindki preżenti semmew ukoll il-problema kbira li tista' anki tqajjem tiżgwid intern fejn diversi Kunsilliera u anki Sindki jokkupaw position of trust ma' Ministeri differenti. Għaldaqstant staqsew x' jiġri jekk quddiemhom ikun hemm applikanti li jkunu ġew avviċinati minn politiċi differenti. Qablu li dan jikkonstitwixxi kunflitt ta' interess u li jista' jġib lill-Membri tal-Board anki f' kunflitt jew kif ukoll l-applikanti stess.

49.2.7 Is-Sindki semmew ukoll li s-sitwazzjoni ġewwa diversi Kunsilli Lokali fejn jista' jkun li diġa jeżisti kunflitt jew aħjar nuqqas ta' armonija bejn il-Membri u li b' xi mod dawn irridu jifthemu li jagħżlu segrearju eżekuttiv.

49.2.8 Is-Sur John Boxall semma li huwa personali jieħu dan il-proċess ta' ingaġġ b' serjeta' li saħansitra fuq il-Board tal-Għażla jkun hemm anki psikologu li bil-mistoqsijiet li jistaqsi anki wieħed isir jaf aħjar il-karattru tal-applikant fi żmien qasir li huwa jkun quddiem il-Board.

49.2.9 Is-Sur Wayne Aquilina semma li fir-Reġjun iktar u iktar din il-klawżola ma tagħmel l-ebda sens dan għaliex jekk bħal kif ġara wieħed mill-applikanti huwa diġa Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun is-Sindki ser iħossuhom skomdi li jagħmlu l-għażla tagħhom sew jekk jagħżlu lill-kandidati jew mod ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li s-Sur Jorge Grech meta kien notifikat minn huma l-applikanti huwa wkoll irrimarka li idealment ma jkun hemm l-ebda Sindku fuq il-Board tal-Għażla imma dan għandu jkun kompost minn Membri kollha esterni. Is-Sur Olaf McKay semma li kienet sitwazzjoni skomda li kien parti mill-Board minħabba din is-sitwazzjoni. Kien hemm qbil unanimu li dan huwa kunflitt ta' interess.

49.2.10 Is-Sur Joseph Abela Galea, semma li huwa għandu l-istess sitwazzjoni fil-Kunsill Lokali fejn hemm żewġ kunsilliera biss fuq il-Board tal-Għażla. Huwa semma li hu mhux komdu jkun parti mill-board l-ewwelnett għax huwa ma jħossux komdu jagħmel dawn l-intervisti kif ukoll anki etikament

għandu joqgħod 'l bogħod minn din l-għażla wara li mingħajr ebda sigriet u li kif kull Sindku jkun affaċjat minn diversi telefoanti minn terzi. Għaldaqstant, b' sens ta' dover u integrita' huwa jiddistaka ruħu mill-proċess. Semma wkoll li l-kumplament tal-Membri tal-Kunsill ukoll jaħsbuha l-istess. Semma li huwa ser ikun qed jiddiskuti l-istess materja fi ftit siegħat oħra fil-laqgħa tal-Kunsill. Semma kif il-Kunsill mal-komunikazzjoni mid-Direttur Ġenerali issospenda l-proċess tal-intervisti li kienu skedati għall-għada tal-komunikazzjoni mibgħutha mid-Direttur Ġenerali, nhar it-18 ta' Ġunju. Semma li jidher li m' hemmx ħsieb li l-Kunsill ikompli bil-proċess qabel ma' din il-materja tkun diskussa u riżolta.

49.2.11 Is-Sur Marco Agius semma li l-board tal-Intervisti għall-Kunsill Lokali tiegħu dejjem ikun wieħed estern. Semma li bħala Sindku kif ukoll il-Kunsilliera mhumiex kunfidenti li jkunu fuq dawn il-Boardijiet.

49.2.12 Is-Sur John Boxall u s-Sur Wayne Aquilina talbu li tintalab laqgħa mad-Direttur Ġenerali għaliex ma jarawx għalfejn dawn il-punti m' għandhomx ikunu diskussi ma' min għamilhom għaliex huma jemmnu wkoll li l-proċess issuġġerit mir-Reġjun huwa wieħed trasparent, ekwu u jimxi mal-prinċipi ta' governanza tajba.

49.2.13 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall u bi qbil unanimu kien maqbul dan li ġej:

- Il-proċess tal-intervisti għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv ikun sospiż b' mod immedjat.
- Ir-Reġjun jinforma lill-applikanti li l-proċess huwa sospiż sakemm ikunu ċċarati l-linji gwida relatati mal-proċess.
- Ir-Reġjun jikkonsulta mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u anki ma' Reġjuni oħra rigward din il-pożizzjoni.
- L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv għandha b' mod immedjat tinforma b' dan kollu u bil-punti li kienu diskussi lid-Direttur Ġenerali kif ukoll li b' vot unanimu s-Sindki vvutaw kontra klawżola 3.2 li ddaħlet fil-linji gwida għall-proċess tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv. Kif ukoll li r-Reġjun qed jissospendi l-proċess sakemm tintlaqa' t-talba għall-aktar diskussjoni u tkun emendata klawżola 3.2.

**49.3 Aġġornament**

49.3.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-18:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu b' urġenza nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv